# Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

# Onor. Miriam Hayman

# Imhallef

**Rikors ġuramentat nru.551/2018MH**

**Fl-ismijiet:**

**SCI Tower 98 (kumpanija registrata Monaco bin-numruN0. 98SC9067)**

**Vs**

**Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina (ID. No.0030090A), Sara Blasina (KTI Taljana AV0246214) u Mirta Blasina (KTI Taljana AV6229362) fil-kwalita tagħhom ta' eredi Ta' Pietro Blasina.**

**U b'digriet tat-13 ta' Marzu 2018 l-Avukat Dr.Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul ġew maħtura Deputati sabiex jirrapresentaw Xini Holdings Limited (C-38234)**

**Illum 4 ta' Novembru, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' SCI Towers 98 fejn ġie premess li:

*"1. ILLI s-soċjetà esponenti hija kumpannija reġistrata f'Monaco, u li kellha oriġinarjament bħala azzjonisti tagħha lil Pietro Blasina, illum mejjet, bħala soċju maġġoritarju u lill-konvenuta Luisa Pedroni, dak iż-żmien martu, bħala soċja minoritarja b'azzjoni nominali; fl-istess ħin, għalkemm il-konjuġi Blasina qatt ma kienu diretturi ta' din is-soċjetà, kien hemm żmien fejn hu jew hi kienu vestiti bir-rappreżentanza ta' l-istess soċjetà;*

2. *ILLI fil-kwalità tagħha ta' rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti, Luisa Pedroni ikkonkludiet diversi negozji, fosthom illi ikkonkludiet il-bejgħ ta' l-azzjonijiet illi s-soċjetà rikorrenti kellha fil-kumpannija Maltija bl-isem Blaschem (Malta) Ltd;*

3. *ILLI l-proventi ta' dan il-bejgħ qatt ma ġew rimessi f'kont bankarju appartenenti lis-soċjetà esponenti, iżda ġew riskossi minn Luisa Pedroni u depożitati f'kontijiet tagħha personali; sussegwentement, parti minn dawn il-flejjes ġew investiti fi, u mislufa lil, Xini Holdings Limited, li hija soċjetà oħra li l-konjuġi Blasina waqqfu f'Malta; parti oħra minn dawn il-flejjes ġew utilizzati għall-ispejjeż tal-ħajja tal-konjuġi Blasina, u finalment il-bilanċ ġie miżmum indebitament minn Luisa Pedroni;*

4. *ILLI dwar il-flus illi ġew miżmuma indebitament minn Luisa Pedroni saret kawża fl-ismijiet Pietro Blasina pro et noe et vs Luisa Pedroni Blasina et, (Rik. Ġur. 1245/2008JZM, Prim'Awla, deċiż 27.04.2017), fejn tali flejjes ġew likwidati, u liema kawża tinsab pendenti fl-appell; tali kawża identifikat ukoll il-flejjes li ġew investiti f'Xini Holdings Ltd u l-flejjes illi ntefqu mill-konjuġi Blasina;*

5. *ILLI dwar il-flejjes investiti f'Xini Holdings Ltd, teħtieġ dikjarazzjoni ġudizzjarja li tali flejjes jappartjenu lis-soċjetà rikorrenti, billi qatt ma ġew iddikjarati bħala tali fil-kontabilità ta' Xini Holdings Ltd, iżda ġew dikjarati bħala shareholders' loans personali tal-konjuġi Blasina;*

6. *ILLI l-intimati Sara u Mirta aħwa Blasina, fil-kwalità tagħhom ta' eredi ta' Pietro Blasina, jaqblu mal-premess, iżda kellhom jiġu mħarrka bħala intimati għall-integrità tal-ġudizzju;*

7. *ILLI r-rappreżentanti ġudizzjarja tas-soċjetà esponenti tikkonferma li jaf personalment bil-fatti hawn elenkati personalment, u li għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

***Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:***

i. *Tiddikjara li Pietro Blasina u l-intimata Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina bi ftehim bejniethom ħadu drawings minn fondi tas-soċjetà rikorrenti sabiex jiffinanzjaw shareholders' loans magħmula lis-soċjetà intimata Xini Holdings Limited ai termini ta' l-Att dwar il-Kumpanniji;*

ii. *Tiddikjara għalhekk illi l-eredi ta' Pietro Blasina, l-intimati Sara u Mirta Blasina, flimkien ma' l-intimata Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina, huma solidalment debituri fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont tad-drawings in kwistjoni u li l-intimata Xini Holdings Limited hija debitriċi ta' l-istess intimati Blasina u Pedroni sive Pedroni Blasina, b'mod illi hemm lok għal dikjarazzjoni li l-intimata Xini Holdings hija debitrix debitoris mei, ossija debitriċi surrogatorja fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti fl-istess ammont fit-termini ta' l-actio debitor debitoris mei ossija ta' l-azzjoni surrogatorja I termini ta' l-artikolu 1143 Kodiċi Ċivili, Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

iii. *Tillikwida d-drawings u x-shareholders' loans fuq imsemmija fl-ammont ta' tliet mija u wieħed u tmenin elf euro u sitt mija u dsatax-il euro jew somma verjuri, u tikkundanna lill-intimati Blasina u Pedroni sive Pedroni Blasina solidalment sabiex iħallsu tali somma lis-soċjetà rikorrenti bħala debituri prinċipali, u lis-soċjetà intimata Xini Holdings sabiex tħallas tali somma lis-soċjetà rikorrenti bħala debitriċi surrogatorja;*

*Bl-ispejjeż legali, inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 306/2018AF, u bl-imgħax legali mid-data li tistabilixxi dina l-Onorabbli Qorti, kif ukoll bl-inġunzjoni minn issa ta' l-intimati in subizzjoni u bir-riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-liġi."*

Rat l-ewwel digriet tagħha datat 1 ta' Gunju, 2018[1].

Rat id-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ)[2]

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-Avukat Christopher Chircop u il-prokurtatur Legali Hilda Ellul Mercer [3] fejn eċċepew li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u għaldaqstant qed jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta ulterjuri motivata f'kaz u jekk jiġu edotti mill-fatti u dan sabiex jistgħu jressqu l-aħjar difiza għan-nom ta Xini Holdings Limited (C-38235).

[1] Folio 7
[2] Folio 10
[3] Folio 15

Rat ukoll in-nota ta' ammissjoni ta' Sara Blasina *propjo* ukoll bħala mandatarju speċjali ta' oħtha msiefra Mirta Blasina fil-kwalita' tagħhom ta' eredi ta' Pietro Blasina.[4]

Rat il-provediment tagħha tat-8 ta' Lulju, 2020[5] fejn il-Qorti ċaħdet it-talba għal ġustifikazzjoni ta' l-intimata Luisa Pedroni.

Rat l-atti kollha tal-kawza odjerna ukoll l-atti tal-kawża fl-ismijiet Pietro Blasina et. vs Louisa Pedroni et. Rikors numru 1245/08 deċiża 27 ta' April, 2017 allegati.

Senjatament rat ukoll fl-istess atti dak li xehed Dr. Antoine Naudi, ukoll r relazzjoni peritali[6] hemm inkluza.

Rat lil partijiet kollha għalqu l-provi kollha tagħhom

Semgħet it-trattazzjonijiet

Rat ukoll li nonostante d-dikjarazzjoni magħmula li kienet se tiġi presentata nota ta' sottomissjonijiet f'isem il-kontumaċja Louisa Pedroni Blasina dan baqa' ma avverix ruħu.

Ikkonsidrat

Illi l-provi kollha miġbura ( dawn biss da parti ta' l-attriċi) jindikaw lit-talbiet mressqa jimmeritaw li jiġu akkolti.

Konsegwentement qegħda ;

---

[4] Folio 25
[5] Folio 67
[6] Dr.Marco Cilliberti li kien ġie ukoll eskuss.

1. tiddikjara li Pietro Blasina u l-intimata Luisa Blasina bi ftehim bejniethom ħadu *drawings* minn fondi tas-soċjeta' rikorrenti sabiex jiffinanzjaw shareholders' loan magħmula lis-soċjeta' intimata Xini Holdings Limited ai termini ta' l-Att dwar il-Kumpaniji.

2. Tiddikjara għalhekk li Pietro Blasina, l-intimati Sara u Mirta Blasina, flimkien ma l-intimata' Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina , huma solidament debituri fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont tad-*drawings* in kwistjoni u li l-intimata Xini Holdings Limited hija debitriċi ta' l-istess intimati Blasina u Pedroni, b'mod illi hemm lok għal dikjarazzjoni li l-intimata Xini Holdings hija *debitrix debitoris mei* , ossija debitriċi surrogatorja fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fl-istess ammont fit-termini ta' l-*actio debitor debitoris mei* ossja l-azzjoni surrogatorja ai termini ta' l-artikolu 1143 Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;u

3. Qegħda tillikwida d-drawings u x-*shareholders loan* fuq imsemmija fl-ammont ta' tlett mija u wieħed u tmenin elf u sitt mija u dsatax-il ewro u tikkundanna lill-intimati Blasina u Pedroni sive Pedroni Blasina solidament sabiex iħallsu tali somma lis-soċjeta' rikorrenti bħala debituri prinċipali , u lis-soċjeta' intimata Xini Holdings sabiex tħallas tali somma lis-soċjeta' rikorrenti bħala debitriċi surrogatorja

Bl-ispejjez legali inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 306/2018AF, u bl-imgħax legali mid-data ta' dan ir-rikors ġuramentat sad-data tal-pagament effettiv.

**Onor.Miriam Hayman**

**Imhallef**

**Dep. reg**

**Victor Deguara**

**Dep Reg**